32006D0232

24.3.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 87/1

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## ta' l-20 ta' Diċembru 2005

## dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar il-Kummerċ ta' l-Inbid

(2006/232/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) marbut tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Ottubru 2000 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tinnegozja ftehim dwar il-kummerċ ta' l-inbid bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

(2) In-negozjati ġew konklużi u l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar il-kummerċ ta' l-inbid (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") ġie inizjalat miż-żewġ Partijiet fl-14 ta' Settembru 2005. Il-Ftehim jirrappreżenta ftehim ta' l-ewwel stadju u l-Partijiet għandhom jibdew negozjati fi żmien disgħin ġurnata mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bil-għan li jikkonkludu ftehim wieħed jew aktar li jkomplu jiffaċilitaw il-kummerċ ta' l-inbid bejniethom.

(3) Il-Ftehim għandu għalhekk jiġi approvat.

(4) Sabiex jiġu faċilitati l-implementazzjoni u l-emendament eventwalment possibbli ta' l-Annessi mal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata sabiex tadotta l-miżuri neċessarji skond il-proċedura stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid ([1]),

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar il-Kummerċ ta' l-Inbid (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex tintrabat il-Komunità.

*Artikolu 3*

Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 5(4), l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 8(2), l-Artikolu 9(5), l-Artikolu 11(5) u (6), l-Artikolu 13(1) u l-Artikolu 14 tal-Ftehim, il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata sabiex tadotta, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 75(2) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, il-miżuri meħtieġa sabiex timplementa l-Ftehim u timmodifika l-Annessi tiegħu, il-Protokoll u l-Appendiċi tiegħu.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata f'il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2005,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BECKETT

([1]) ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2165/2005 (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 1).